# IL-MIXJA TAR-RANDAN 2023

## L-ERBGHA TA' L-IRMIED

JEKK ILLUM TISIMGHU LEHEN IL-MULEJ LA TWEBBSUX QALBKOM

Salm 95:8

Fi zmien meta l-fridges ma tantx kienu komuni, hafna nies kienu juzaw il-kmamar tas-silg biex izommu l-ikel taghhom frisk u kiesah. Essenzjalment kienu kmamar li wiehed seta' jidhol fihom u l-hitan taghhom kienu hoxnin, ebda tieqa, u bibien li jaghlqu sew. Blokki tas-silg kienu jinqatghu u jingarru lejn dawn il-kmamar, u jippakjawhom fis-serratura jew tiben biex hekk is-silg ikollu hajja itwal l-aktar fiz-zmien tas-sajf.



Tinghad storja ta’ wiehed ragel li tilef arlogg ta’ valur kbir waqt li kien qed jahdem f’kamra tas-silg. Minkejja li kemm huwa kif ukoll shabu fittxew fuq li fittxew, l-arlogg baqa’ ma instabx. Bintu meta semghet bit-telfa ta’ l-arlogg, billi kienet taf kemm kien ghal qalb missierha, dahlet fil-kamra tas-silg. Ftit wara harget  bl-arlogg f’idha u tatu lura lil missierha li baqa’ miblugh kif irnexxilha ssibu.

“Facli missier,” qaltlu “ghalaqt il-bieb u qaghadt attenta biex nisma’ it-tektik ta’ l-arlogg.”

L-Erbgha ta’ l-Irmied huwa l-ewwel jum tar-Randan. 40 jum ta’ talb, penitenza u karita’ sabiex kull wiehed ihejji ruhu kif jixraq ghall-festa ta’ l-Ghid.

Dan iz-zmien huwa sejha biex wiehed joqghod fil-kwiet u jirrifletti bhal dik il-bint li ingabret fil-kwiet ta’ kamra maghluqa biex semghet it-tektik ta’ l-arlogg.Sejha biex wiehed jezamina l-fidi tieghu. Nieqfu nfittxu u nigru wara l-hwejjeg tad-dinja u ningabru biex nisimghu lehen il-Mulej, nisimghuh x’jrid jghidilna dwar hajjitna u fil-qlub taghna.

Hija opportunita biex nistaqsu lilna nfusna: Kapaci nisma’ lehen Alla?

Hajjitna kollha hsejjes - TV, Kompjuters, Tablets, Mobile Phones, Radju, Reklami u tant hwejjeg ohra. U mhux biss il-midja. Irridu nwiegbu ghal l-emails immedjatament, hekk malli l-kompjuter jissenjalalna li dahal messagg,irridu nwiegbu is-sejhat tal-mobile phone dak il-hin (qatt rajt lil xi hadd johrog mill-knisja waqt celebrazzjoni biex jirrisondi t-telephone), hemm program jew loghba tal-futboll fuq it-TV

ma nitlifhiex, nisma ftit muzika fuq ir-radju etc etc. Dawn huma kollha tfixkil biex nisimghu lehen Alla ghax jew attent ghal dak li qed jghidlek Alla jew attent ghal dak li qed issegwi jew taghmel dak il-hin.

Ir-Randan madanakollu jsejhilna biex noqghdu ftit ‘l boghod minnhom.

Ir-RANDAN huwa l-kamra ta’ gewwa taghna. Jista’ jkun mument ta’ kwiet fil-karozza jew fl-ufficju. Vizta f’kappella biex inzur lil Gesu’. Passigata. Inhollu ghall-ftit lil qlubna minn dawn ir-rabtiet materjali u nisimghu l-vuci ta’ Alla. Vuci zghira li tfessfsilna u tistenna twegiba gewwa fina. Isejhilna biex nerghu lura. Isejhilna biex inkun fidili. Isejhilna biex nibdew it-triq tar-Randan lura lejn Alla li jhobbna.

KIF NISTA’ NAGHMEL SPAZJU FIL-GRANET TAR-RANDAN BIEX NISMA’ LEHEN IL-MULEJ FIL-QALB TIEGHI?

BHAL L-ARLOGG FIL-KAMRA TAS-SILG, X’TEZOR QED INFITTEX MATUL DAN IL-VJAGG  TIEGHI FIR-RANDAN?